MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 333/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Sebastian Bonnici**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva (permezz ta’ att ta’ citazzjoni li ggib id-data 11 ta’ Awwissu 2009) kontra Sebastian Bonnici (bin Francis u Carmen nee Mifsud, imwieled fit-30 ta’ Awwissu 1954, detentur tal-karta tal-identita` nru 707054M) talli f’dawn il-Gzejjer, fi Frar 2009 jew fix-xhur u s-snin ta’ qabel (**1**) b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, b’mezz ta’ rigali, weghdiet jew b’xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt fl-atti li bihom dawn ikkorrompew ufficjal jew ufficjali fid-

Dipartiment tal-VAT, u minhabba dan, dan l-ufficjal jew dawn l-ufficjali naqas jew naqsu li jaghmel jew li jaghmlu dak li kien fid-dmir tieghu jew taghhom li jaghmel jew jaghmlu; (**2**) kif ukoll fl-istess periodu, lok u cirkostanzi wieghed, ta jew offra, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil Saviour Micallef li asserixxa jew ikkonferma li kien kapaci jaghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeciedu ufficjali fid-Dipartiment tal-VAT, u dan sabiex igieghel lil Saviour Micallef jezercita dik l-influwenza; (**3**) u aktar talli fl-istess periodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, fil-kapacita` tieghu ta' direttur ta' B&B Cabins Limited, b'mezz ta' rigali, weghdiet jew b'xi mod li jkun xjentement ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt fl-atti li bihom dawn ghamlu frodi permezz ta' truffa f'ammont ta' aktar minn elf lira ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta; (**4**) fl-istess periodu, lok u cirkostanzi kien komplici fl-atti li bihom l-awtur jew awturi, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, f'dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew taw taghrif falz, (**5**) kif ukoll komplici fl-atti li bihom dan l-awtur jew dawn l-awturi ghamlu xi denunzja, dikjarazzjoni jew taw taghrif mehtieg ghal xi wiehed mill-ghanijiet tal-Kap. 406 li kienu jafu li ma kienux korretti jew li kienu qarrieqa f'xi rigward materjali; l-ewwel qorti kienet mitluba sabiex tapplika l-Artikolu 5 tal-Kap. 373 u l-Artikoli 23A(2) u 23B tal-Kap. 9;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-9 ta' Settembru 2009 li permezz taghha dik il-qorti, fuq ammissjoni tal-imputat Bonnici, iddikjaratu hati skond l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti, u kkundanntu ghall-piena ta' **tmintax-il-xahar (18) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin skond l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 kif ukoll ghal multa ta' seba' mitt Euro (€700) pagabbli fi zmien tlett xhur; dik il-qorti applikat ukoll l-interdizzjoni generali perpetwa fil-konfront tal-hati**;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu pprezentat fit-22 ta' Settembru 2009, li permezz tieghu

talab ir-riforma tal-imsemmija sentenza billi din il-Qorti tikkonferma dik is-sentenza "fejn sabet lill-appellat hati ta' l-akkuzi kif migjuba kontra tieghu u fejn ordnat l-interdizzjoni generali u perpetwa fil-konfront tieghu, filwaqt li tirrevokaha u thassarha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellat ghall-piena ta' tmintax-il xahar prigunerija...sospizi ghall-periodu ta' erba' snin mid-data tas-sentenza u minflok tinfliggi piena karcerarja effettiva skond il-ligi";

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-Avukat Generali hu fis-sens li f'dan il-kaz kellu jkun hemm piena karcerarja b'effett immedjat. Huwa jilmenta wkoll mill-fatt li l-Qorti Inferjuri ma applikatx id-disposizzjoni tal-Artikolu 5 tal-Kap. 373 (applikabbli ghar-reati li taghhom l-appellat Bonnici kien gie akkuzat bl-Artikolu 23A(2) tal-Kap. 9) kif ukoll ma applikatx id-disposizzjoni tal-Artikolu 23B tal-imsemmi Kap. 9.

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija llum stess fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Maurice Agius** (App. nru 328/09) u dan ghal dak li jirrigwarda konsiderazzjonijiet kemm fattwali kif ukoll legali, u in partikolari dwar is-sospensjoni tal-piena ta' prigunerija. Fil-kaz in dizamina il-Qorti Inferjuri mmotivat il-piena minnha erogata hekk: **"Illi fil-kaz in ezami jirrizulta li bl-ghajnuna ta' terza persuna gew sottomessi denunzji (ta' socjeta` kummercjali rapprezentati mill-imputat) skorretti biex jonqos l-ammont ta' taxxa dovuta minn din is-socjeta`. Illi jirrizulta wkoll li fil-mori tal-proceduri l-imputat issottometta denunzji korretti u anke hallas it-taxxa dovuta minnu; huwa anke qed jaghmel arrangamenti biex ihallas dawk il-penali amministrattivi talvolta dovuti. Illi l-qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat ikkollabora ma' l-ufficjali investigattivi, ammetta l-involviment tieghu mhux biss fl-istqarrija imma anke fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri. Hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fedina penali tieghu li hija netta."**

Ghal dik li hija l-piena ta' prigunerija sospiza, din il-Qorti ma tara li ghandha zzid xejn ma' dak li diga` nghad fis-sentenza ta' **Maurice Agius**. Anke fil-kaz in dizamina l-ewwel qorti wzat id-diskrezzjoni taghha biex tissospendi l-piena ta' prigunerija b'mod prudenti u b'mod sostanzjalment korrett, b'tali mod ghalhekk li din il-Qorti m'ghandhiex tintervjeni biex tvarja l-piena kif erogata minn dik il-qorti. Kwantu ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 5 tal-Kap. 373, galadarba llum din il-Qorti qed tiddeciedi din il-kawza definittivament, ma hemmx lok ta' ordni ta' sekwestru u projbizzjoni skond l-imsemmi Artikolu 5; kif ukoll anqas hemm lok tal-applikazzjoni tal-Artikolu 23B tal-Kap. 9 ghax f'dan il-kaz ma kien hemm ebda rikavat. Fi kwalunkwe kaz, it-talba ta' l-Avukat Generali, kif migjuba fir-rikors ta' appell tieghu, hija limitata ghalbiex ikun hemm "piena karcerarja effettiva".

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell tal-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata. Ghall-kull buon fini din il-Qorti qed terga' taghti l-ispjegazzjoni lill-appellat fit-termini tas-subartikolu (4) tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 u cioe` qed terga' tispjegalu bi kliem car ir-responsabbilta' tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti matul il-periodu operattiv (liema periodu beda jiddekorri mid-data tas-sentenza appellata, cioe` mid-9 ta' Settembru 2009) reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija. Fl-ahharnett il-Qorti tigbed l-attenzjoni tar-Registratur ghal dak li jipprovdi s-subartikolu (8) tal-imsemmi Artikolu 28A.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------